# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Erbgħa, 25 ta' Settembru 2024**

**Rikors Nru: 477/2023**
**Nru fuq il-Lista: 3**

**Carmen Zammit (K.I. 114260M) u Frances Azzopardi (K.I. 217961M)**

**vs**

**Marianne Briffa (K.I. 775450M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur mressaq fid-19 ta' Settembru 2023[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

- *Illi l-esponenti jikru lill-intimat Marianne Briffa l-fond 6, (ġja 14) Adelaide Cini Street, Ħamrun bħala residenza ordinarja, liema kirja bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995.*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

- *Illi l-intimat qiegħed iħallas kera ta' circa mitejn u sittax-il euro u ħamsin ċenteżmu (€216.50) fis-sena.*
- *Illi l-esponenti jixtiequ li jieħu l-pussess lura ta' dan il-fond, u jekk dan mhux possibbli f'dan l-istadju, li l-kera tiġi awmentata skond il-liġi.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu:*

1. ***Jaffettwa** t-test tal-meżżi fuq l-intimata Marianne Briffa*
2. ***Jordna** li mis-skadenza li jmiss jawmenta l-kera kif inhu xieraq u skond il-liġi.*
3. *Alternatavament **jordna** l-iżgumbrament tal-inkwilin fiż-żmien stipulat fil-liġi.*
4. ***Jagħti** kull provvediment xieraq u opportun skond id-dispożijzzjonijiet tal-liġi.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tal-25 ta' Settembru 2023[2].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar mressqa fil-5 ta' Ottubru 2023[3].

Ra r-risposta tal-intimata Briffa mressqa fit-22 ta' Frar 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[5], fejn ġew maħtura l-periti Mario Cassar u Elena Borg Costanzi.

Ra r-rapport peritali tal-Membri Tekniċi mressaq fl-4 ta' April 2024[6].

[2] A fol 6 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 9 tal-proċess.
[4] A fol 19 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 21 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 22 *et seq* tal-proċess.

Ra n-nota tal-intimata mressqa fis-17 ta' April 2024[7], kontenenti affidavit u dokumentazzjoni relattiva għat-test tal-mezzi.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024[8] meta seħħet dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza.

Ra n-nota tar-rikorrenti mressqa fil-31 ta' Mejju 2024[9] b'dokumentazjoni rigwardanti t-titolu tagħhom.

Ra d-digriet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2024[10] permezz ta' liema ġiet sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024[11] fejn l-intimata stqarret li ma kellhiex mistoqsijiet x'tagħmel fuq in-nota mressqa mir-rikorrenti u l-kawża reġgħet tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[12] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet

[7] A fol 30 tal-proċess.
[8] A fol 252 tal-proċess.
[9] A fol 253 tal-proċess.
[10] A fol 277 tal-proċess.
[11] A fol 278 tal-proċess.
[12] Att XXVII tas-sena 2018.

fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[13]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[14]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[15], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti, li jinkludu wkoll rċevuti tal-ktieb tal-kera. Apparti minn hekk, jiġi

---

[13] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[14] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et,*** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et,*** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et,*** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[15] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu

mfakkar li l-intimat stqarret li hija tirrikonoxxi lir-rikorrenti bħala s-sidien tal-kera tagħha.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimata Briffa relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li hija tissodisfa t-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[16].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mitejn u ħamsa u għoxrin elf Ewro (€225,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tal-1 ta' Marzu 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[17]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[18].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[19]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500) fis-sena.

---

69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[16] Regolamenti 5(6) u 6(5).

[17] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.

[18] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[19] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia,** (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et*,** (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.
2) Jilqa' t-tieni u r-raba' talba u b'hekk jordna li l-intimata Marianne Briffa tibda tħallas lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioé l-fond enumerat sitta (6), Adelaide Cini Street, Ħamrun fl-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500) fis-sena, fl-ammont ta' tlett mija u ħamsa u sebgħin (€375) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
3) Jiċħad it-tielet talba (li ngħatat b'mod alternattiv).
4) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur